V

(Avviżi)

PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.9791 — Signa Retail/Central Group/Globus)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2020/C 100/08)

1 Fis-16 ta' Marzu 2019, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— SIGNA Retail Selection AG u SIGNA Prime Selection AG ("Signa Group", l-Isvizzera, l-Awstrija), li jappartjenu għall-grupp SIGNA Holding GmbH, finalment ikkontrollat mill-Familie Benko Privatstiftung,

— Harng Central Department Store Ltd ("Central Group", it-Tajlandja), finalment ikkontrollata mill-familja Chirathivat,

— Magazine zum Globus AG ("Globus", l-Isvizzera).

Signa Group u Central jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet il-kontroll bi sħab ta' Globus kollha kemm hi.

Il-konċentrazzjoni titwettaq permezz ta' xiri ta' ishma u assi.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— Signa Group: bejgħ fil-ħwienet, inkluż permezz ta' diversi ċentri kummerċjali fil-Ġermanja ("GALERIA Karstadt Kaufhof") u fil-Belġju u ħwienet tal-għamara fl-Awstrija, kif ukoll tal-proprjetà immobbli fl-Awstrija u l-Ġermanja,

— Central Group: kummerċ, proprjetà immobbli, bejgħ mill-ħwienet, ospitalità u ristoranti primarjament fix-Xlokk tal-Asja, fis-settur tal-ħwienet fl-Italja, id-Danimarka u fil-Ġermanja permezz ta' ċentri kummerċjali mill-iprem ta' The KaDeWe Group,

— Globus: it-tħaddim ta' ċentri kummerċjali u ċentri kummerċjali oħra (tal-moda) fl-Isvizzera kollha.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura ssimplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) jenħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.9791 — Signa Retail/Central Group/Globus

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles / Brussel
BELGIQUE / BELGIË